Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2022/2051(INL)

10.2.2023

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

Proposti tal-Parlament Ewropew għall-emenda tat-Trattati
(2022/2051(INL))

Rapporteur għal opinjoni: Juan Fernando López Aguilar

(Inizjattiva – Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura)

PA_INL

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

Il-libertajiet ċivili, il-ġustizzja u l-intern: kunsiderazzjonijiet orizzontali

1. Jappoġġa l-proposti li saru mill-plenarja tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa ("il-Konferenza") tad-9 ta' Mejju 2022 b'rabta mal-qasam tal-libertajiet ċivili, il-ġustizzja u l-affarijiet interni[1]; itenni l-appoġġ tiegħu għal segwitu xieraq għall-Konferenza, bl-għan li jintlaħqu l-konklużjonijiet tal-Konferenza u l-aspettattivi taċ-ċittadini; jistieden lill-Unjoni tirrispetta b'mod iktar sistematiku l-istat tad-dritt u d-demokrazija, tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, u tiskrutinizza r-rispett għal dawn il-valuri kollha minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE, kemm fl-adeżjoni ta' membri ġodda kif ukoll kontinwament fil-politiki kollha tal-Unjoni u fl-Istati Membri kollha; ifakkar li l-implimentazzjoni sħiħa ta' ħafna mill-miżuri proposti mill-Konferenza ma tkunx teħtieġ bidliet fit-Trattat iżda bidla leġiżlattiva u/jew implimentazzjoni aħjar tal-leġiżlazzjoni eżistenti;

2. Jirrimarka li l-adozzjoni ta' bosta proposti leġiżlattivi fl-oqsma tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja kienet bil-mod jew saħansitra twaqqfet, minkejja l-ħtieġa urġenti ta' azzjoni; jitlob lill-Kummissjoni tibni fuq l-istudji varji tas-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew li jeżaminaw il-kost tan-nuqqas ta' azzjoni fil-livell Ewropew f'dawn l-oqsma[2]; jitlob li għall-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni f'dawn l-oqsma fit-Trattati, jiġu sostitwiti r-rekwiżiti ta' unanimità, inkluż għall-użu ta' klawsoli "passerelle", bi proċeduri ta' votazzjoni b'maġġoranza, u għall-użu sistematiku tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, sabiex tittejjeb il-kapaċità tal-Unjoni li taġixxi; iqis li, minħabba s-sensittività partikolari ta' dawn il-kwistjonijiet, kwalunkwe bidla għal dawn ir-rekwiżiti ta' votazzjoni fil-Kunsill għandha tiżgura bilanċ ġust ta' 'piżijiet' tal-votazzjoni sabiex jiġu protetti l-interessi tal-pajjiżi iżgħar;

3. Iqis li kwalunkwe tibdil fit-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri fl-oqsma tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja għandu jirrispetta bis-sħiħ il-prinċipji minquxa fit-Titolu I tat-TUE, b'mod partikolari l-Artikoli 2, 4(2), 4(3), 5 u 6;

4. Jissottolinja li l-Artikolu 68 tat-TFUE ġie eżerċitat bħala dritt ta' inizjattiva de facto mill-Kunsill Ewropew fl-oqsma tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja; jenfasizza li l-adozzjoni mill-Kunsill Ewropew ta' programmi operazzjonali multiannwali f'dan il-qasam mingħajr ebda obbligu ta' konsultazzjoni mal-Parlament jew mal-Kummissjoni għandha tiġi riveduta minħabba l-impatt partikolarment serju ta' dawn il-politiki fuq id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini; jitlob li l-Parlament u l-Kunsill jingħataw din il-kompetenza fuq termini ugwali;

[1] B'mod partikolari l-proposti li ġejjin: 22, 25, 26, 27, 28, 29, 31, 34, 36, 37, 38, 39, 40, 41, 42, 43, 44 u 45.
[2] For an overview, see https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/BRIE/2019/631730/EPRS_BRI(2019)631730_EN.pdf.

Il-protezzjoni tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet fundamentali

5. Jirrimarka li l-istrument ewlieni tal-Unjoni biex tindirizza u treġġa' lura t-theddid u l-ksur sistemiċi tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri, l-Artikolu 7 tat-TUE, sa issa kien ineffettiv peress li s-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt kompliet tiddeterjora mill-attivazzjoni tal-proċedura kemm fir-rigward tal-Polonja kif ukoll tal-Ungerija;[3] għalhekk, iqis li huwa meħtieġ li l-Artikolu 7 tat-TUE jiġi riformat kif ġej: jinbidlu l-limiti tal-votazzjoni tal-Kunsill tal-Artikolu 7(1) tat-TUE minn maġġoranza ta' erbgħa minn kull ħamsa għal votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata, u jiġi abolit ir-rekwiżit tal-unanimità fl-Artikolu 7(2) tat-TUE; il-Kunsill jintalab jistieden rappreżentant tal-korp li ppreżenta l-proposta motivata biex jippreżentaha, li jinforma bis-sħiħ u mingħajr dewmien ma' kull fażi tal-proċedura tal-istituzzjoni li tiskatta l-Artikolu 7(1) tat-TUE[4], jorganizza minn tal-inqas żewġ seduti ta' smigħ għal kull sitt xhur għal kull pajjiż ikkonċernat b'mod regolari, strutturat u miftuħ u jabbozza rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u jevalwa l-implimentazzjoni tagħhom skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE; li l-Parlament u l-Kummissjoni jiġu involuti fl-abbozzar ta' modalitajiet għas-seduti ta' smigħ tal-Artikolu 7(1) tat-TUE[5]; li l-Parlament ikun jista' jiskatta l-Artikolu 7(2) tat-TUE; li jiġi indikat li l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Parlament għandhom jikkunsidraw li jiskattaw l-Artikolu 7(2) tat-TUE jekk il-proċedura skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE ddum aktar minn ħames snin; li jiġu speċifikati aktar id-drittijiet li jirriżultaw mill-applikazzjoni tat-Trattati li jistgħu jiġu sospiżi skont l-Artikolu 7(3) tat-TUE, inkluż id-dritt li jokkupa l-Presidenza tal-Kunsill; li l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali ("FRA") tiġi mistiedna tagħti l-kontribut tagħha matul is-seduti ta' smigħ tal-Artikolu 7(1);

6. Jinnota n-nuqqas ta' inizjattiva jew ta' azzjoni effettiva tal-Kummissjoni, inkluż fil-forma ta' proċedimenti ta' ksur, biex tindirizza l-ksur jew in-nuqqas ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fl-oqsma tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, minkejja l-evidenza ta' sitwazzjonijiet li qed jiddeterjoraw f'diversi Stati Membri; jinnota li t-talbiet ripetuti tal-Parlament għal azzjoni baqgħu mingħajr tweġiba; għalhekk, iqis li huwa meħtieġ li jissaħħu l-mezzi tal-Parlament ta' skrutinju tal-attivitajiet tal-Kummissjoni fir-rigward tal-monitoraġġ u l-infurzar tad-dritt tal-Unjoni;

7. Jinnota li t-Trattati bħalissa ma fihomx bażi ġuridika biex tiġi introdotta leġiżlazzjoni li tiddefendi u tippromwovi l-valuri komuni espressi fl-Artikolu 2 tat-TUE u li dan in-nuqqas illimita serjament lill-Unjoni fil-ħolqien ta' mekkaniżmi xierqa u effettivi biex jiġi rimedjat it-theddid u l-ksur nazzjonali għall-valuri komuni; iqis li huwa essenzjali għall-protezzjoni ta' kulħadd li l-Unjoni jkollha l-kapaċità li tindirizza b'mod effikaċi kwalunkwe rigress demokratiku fl-Istati Membri; jitlob l-inklużjoni ta' dispożizzjoni, li tippermetti lill-Unjoni, permezz tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, tintroduċi mekkaniżmi ġodda għall-monitoraġġ strutturali u l-valutazzjoni tal-iżviluppi fir-

[3] Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Jannar 2020 dwar is-seduti ta' smigħ li għaddejjin bħalissa skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE fir-rigward tal-Polonja u l-Ungerija (2020/2513(RSP)); Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Mejju 2022 dwar is-seduti ta' smigħ li għaddejjin bħalissa skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE fir-rigward tal-Polonja u l-Ungerija (2022/2647(RSP)).

[4] Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Jannar 2020 dwar is-seduti ta' smigħ li għaddejjin bħalissa skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE fir-rigward tal-Polonja u l-Ungerija (2020/2513(RSP)).

[5] Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ottubru 2020 dwar l-istabbiliment ta' Mekkaniżmu tal-UE għad-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali (2020/2072(INI).

rigward tal-valuri tal-Artikolu 2 tat-TUE f'kull wieħed mill-Istati Membri u l-infurzar tiegħu; tali mekkaniżmi għandhom jinkludu rapporti annwali li jivvalutaw jekk kienx hemm nuqqasijiet, riskju ta' ksur serju jew ksur reali tal-valuri tal-Artikolu 2 tat-TUE f'kull wieħed mill-Istati Membri, rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż akkumpanjati minn skadenzi għall-implimentazzjoni, miri u azzjonijiet konkreti li għandhom jittieħdu kif ukoll parametri referenzjarji biex jitkejjel il-progress, u kif dawn jintrabtu mal-miżuri ta' infurzar rilevanti; iqis li din id-dispożizzjoni għandha tippermetti l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' infurzar ulterjuri, inklużi miżuri finanzjarji xierqa li għandu jieħu l-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, bħas-sospensjoni tal-impenji u tal-pagamenti, anke f'każijiet fejn ma jkun hemm l-ebda rabta diretta mal-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni jew mal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni; jenfasizza li l-istabbiliment ta' tali mekkaniżmu se jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri, u b'hekk isaħħaħ il-funzjonament tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku;

8. Jitlob l-inklużjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali bħala t-tieni kapitolu tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea sabiex id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali jidhru b'mod aktar prominenti fit-Trattati fundaturi; jitlob l-inklużjoni fit-Trattati ta' dispożizzjoni dwar id-drittijiet fundamentali orizzontali simili għall-Artikoli 8, 9 u 10 tat-TFUE, sabiex l-obbligu orizzontali tal-Unjoni li tinkorpora perspettiva tad-drittijiet fundamentali fil-politiki kollha fil-livelli kollha u fl-istadji kollha jkunu iktar espliċiti, u b'hekk jirrikjedi lill-koleġiżlaturi bħalma huma l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji kollha tal-Unjoni u l-Istati Membri meta jkunu qed jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni biex jirrispettaw id-drittijiet fundamentali tal-UE u jippromwovu l-applikazzjoni tagħhom fl-attivitajiet kollha tagħhom; iqis li huwa neċessarju, barra minn hekk, li jkun obbligatorju li l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni jinkludu mekkaniżmi ta' monitoraġġ tad-drittijiet fundamentali u klawżoli ta' evalwazzjoni relatati, li għandhom jinkludu objettivi u parametri ċari, b'mod partikolari kull meta jilleġiżlaw f'oqsma ta' politika sensittivi għad-drittijiet fundamentali, inkluż l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (integrazzjoni msaħħa tad-drittijiet fundamentali);

9. Ifakkar li l-aspettattivi taċ-ċittadini, kif espressi fil-Konferenza, imorru lil hinn mill-interpretazzjoni stretta tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 51 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali li skontu l-Karta tapplika għall-Istati Membri biss meta jkunu qed jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni, u li l-objettiv għandu jkun li d-drittijiet fundamentali jsiru effettivi kemm jista' jkun; jitlob li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea f'rabta mal-Istati Membri; Iqis li, għal dak l-għan, l-Artikolu 51(1) tal-Karta għandu jiġi rivedut sabiex jiddikjara li d-drittijiet fundamentali tal-UE għandhom jipproteġu lin-nies kull meta l-Istati Membri jaġixxu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' kompetenza tal-Unjoni, kemm jekk esklużiva kif ukoll jekk kondiviża*, anke jekk tali kompetenza tkun għadha ma ġietx eżerċitata mill-Unjoni;*[6]

10. Jitlob li jitfassal Statut taċ-Ċittadinanza Ewropea, li jipprovdi drittijiet u libertajiet speċifiċi għaċ-ċittadini, li jagħmel il-valuri u d-drittijiet Ewropej aktar tanġibbli għaċ-ċittadini tal-Unjoni;

[6] Fid-dawl tal-opinjoni ta' AG Sharpston tat-30 ta' Settembru 2010 fil-Kawża C-34/09, *Zambrano.*

11. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li ċ-ċittadinanza tal-UE tingħata abbażi taċ-ċittadinanza ta' Stat Membru, li jillimita l-aċċess għad-drittijiet li ġġib magħha għaċ-ċittadini mhux tal-UE li jirrisjedu fit-territorju tal-UE, bħaċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi bi status ta' residenza għal żmien twil fl-UE; jitlob reviżjoni tal-Artikolu 20 tat-TFUE billi jiġi introdott paragrafu 20(2a) ġdid li jiddikjara li, mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri li jagħtu ċ-ċittadinanza, it-tgawdija tad-drittijiet imsemmija fl-Artikolu 20(2) għandha tiġi estiża għal ċittadini mhux tal-UE li jirrisjedu fit-territorju tal-UE, inklużi ċittadini ta' pajjiżi terzi bi status ta' residenza għal żmien twil tal-UE; jitlob il-projbizzjoni fit-Trattati ta' dawk l-iskemi ta' ċittadinanza b'investiment fejn iċ-ċittadinanza nazzjonali, flimkien maċ-ċittadinanza tal-UE, tiġi offruta lil ċittadini ta' pajjiżi terzi bi skambju għal kunsiderazzjonijiet primarjament finanzjarji;

12. Jinnota li xi Stati Membri ma jagħtux liċ-ċittadini tagħhom li jkunu residenti fi Stati Membri oħra d-dritt li jivvutaw fl-elezzjonijiet nazzjonali; iqis li huwa kuntrarju għall-valuri demokratiċi Ewropej li bħala konsegwenza dawn iċ-ċittadini tal-UE jiċċaħħdu mid-dritt tagħhom li jivvutaw talli jeżerċitaw id-dritt fundamentali tagħhom għal-libertà tal-moviment skont il-liġi tal-UE; jitlob li fit-Trattati jiġi stabbilit il-prinċipju li kull ċittadin tal-UE jkollu d-dritt li jivvota fl-elezzjonijiet lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej;

13. Jitlob li tiġi stabbilita l-Awtorità għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) bħala awtorità indipendenti tad-drittijiet tal-bniedem, simili għall-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u f'konformità mal-Prinċipji ta' Pariġi tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tal-1993, biex tipproteġi u tippromwovi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fil-politiki u l-prattiki kollha mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, u mill-Istati Membri meta jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni; iqis li dan jirrikjedi bażi legali fit-Trattati għat-twaqqif ta' Awtorità tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, li tnaqqax l-indipendenza tagħha u tintroduċi l-proċedura leġiżlattiva ordinarja għall-adozzjoni u l-emendar tal-mandat tagħha; jitlob li din l-Awtorità l-ġdida tingħata d-dritt li tressaq azzjonijiet skont l-Artikolu 263 tat-TFUE meta jkun hemm ksur tal-Karta; jitlob li jitwessa' l-mandat tagħha, inkluż is-setgħa li tittratta l-ilmenti u li l-Kummissjoni tikkonsultaha b'mod obbligatorju meta tħejji l-proposti għal atti leġiżlattivi jew rakkomandazzjonijiet li għandhom impatt fuq id-drittijiet fundamentali;

14. Iqis li huwa neċessarju li l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data jressaq azzjonijiet skont l-Artikolu 263 tat-TFUE abbażi ta' ksur tad-dritt għall-protezzjoni tad-data;

15. Jitlob l-introduzzjoni fit-TFUE ta' kompetenza kondiviża ġdida tal-Unjoni għall-istabbiliment ta' qafas legali effettiv kontra d-diżinformazzjoni;

16. Jiddeplora bil-qawwa l-fatt li l-leġiżlazzjoni orizzontali tal-UE dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali għadha ma ġietx adottata mill-proposta tal-Kummissjoni tal-2008 minħabba l-imblokk fi ħdan il-Kunsill, minkejja t-talbiet ripetuti tal-Parlament; iqis għalhekk li l-azzjoni tal-UE hija meħtieġa biex tiġġieled id-diskriminazzjoni abbażi tal-Artikolu 19 tat-TFUE tittieħed f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja bil-għan li jiġi żgurat livell

minimu uniformi ta' protezzjoni fi ħdan l-Unjoni għall-persuni vittmi ta' diskriminazzjoni; jitlob li l-Artikolu 19 tat-TFUE jkopri wkoll id-diskriminazzjoni li tkun ibbażata fuq il-ġeneru, l-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru jew il-karatteristiċi sesswali, l-oriġini soċjali, il-fattizzi ġenetiċi, il-lingwa, l-opinjoni politika u ta' kwalunkwe natura oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà u t-twelid, kif ukoll id-diskriminazzjoni intersezzjonali;

17. Jitlob li fl-Artikolu 8 tat-TFUE tiddaħħal referenza għall-inugwaljanzi tal-ġeneru u għal obbligu għall-Unjoni li fid-diversi politiki tagħha timmira li tiġġieled kontra kull tip ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, anki billi tieħu l-miżuri neċessarji kollha biex tipprevjeni u tikkastiga dawn l-atti kriminali kollha u tagħti appoġġ u protezzjoni lill-vittmi;

18. Jitlob l-introduzzjoni fl-Artikolu 10 tat-TFUE, tal-bażi tal-ġeneru, l-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru jew il-karatteristiċi sesswali, u tal-bażijiet l-oħra kollha msemmija fl-Artikolu 21(1) tal-Karta, jiġifieri l-kulur, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, il-politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, sħubija f'minorità nazzjonali, proprjetà jew twelid, biex l-Unjoni tiġġieled id-diskriminazzjoni meta tiddefinixxi u timplimenta l-politiki u l-attivitajiet tagħha;

19. Jitlob li fl-Artikolu 21(1) tal-Karta jiddaħħlu l-ġeneru, l-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru, il-karatteristiċi sesswali, bil-għan anki li tiġi projbita d-diskriminazzjoni espliċitament abbażi ta' dawn;

20. Jenfasizza li l-Artikolu 2 tat-TUE jinkludi b'mod espliċitu d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi fost il-prinċipji kostituzzjonali tal-Unjoni; jappella għal azzjonijiet, inkluża l-leġiżlazzjoni tal-UE, biex jiġu protetti l-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi u biex jiġu protetti l-kulturi u l-lingwi tal-minoranzi nazzjonali u lingwistiċi tradizzjonali (AM 26 tal-PPE); jerġa' jappella lill-Unjoni taderixxi mal-Karta Ewropea għal-Lingwi Reġjonali jew Minoritarji u l-Konvenzjoni Qafas għall-Ħarsien tal-Minoranzi Nazzjonali;

21. Iqis li huwa neċessarju li jiġi żgurat id-dritt għall-aċċess għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati fl-UE kollha kemm hi; jitlob li, f'artikolu ġdid tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, jiddaħħal, għal kulħadd, id-dritt għall-awtonomija fiżika, għall-aċċess infurmat għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati u għas-servizzi tas-saħħa relatati kollha mingħajr diskriminazzjoni, inkluż l-abort sikur u legali; jitlob is-sostituzzjoni tal-Artikolu 4(2)(k) tat-TFUE bis-segwenti "l-interessi komuni ta' sigurtà f'materji ta' saħħa pubblika u l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, inklużi s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati";

22. Jitlob li jiddaħħal l-objettiv klimatiku fl-Artikolu 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali;

23. Jitlob l-adozzjoni ta' miżuri li jirrigwardaw il-liġi tal-familja b'implikazzjonijiet transfruntieri skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja;

Politika dwar Kontrolli fil-fruntieri, l-Ażil u l-Immigrazzjoni

24. Jafferma mill-ġdid l-objettivi u l-prinċipji ġenerali li fuqhom huma bbażati l-politiki

komuni dwar il-fruntieri, l-ażil u l-immigrazzjoni fit-Trattati, bħall-moviment liberu mingħajr kontrolli interni fil-fruntieri u l-ġestjoni effiċjenti komuni tal-fruntieri skont l-Artikoli 67, 77 u 79(2)(b) tat-TFUE, in-non-refoulement skont l-Artikolu 78(1) tat-TFUE, it-trattament ġust ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, jew il-prinċipju tas-solidarjetà u t-tqassim ġust tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri skont l-Artikolu 80 tat-TFUE, li għandu jintuża bħala bażi ġuridika komplementari għal-leġiżlazzjoni skont dan il-kapitolu tat-Trattat;

25. Jemmen li dawn iservu ta' bażi soda biex iwieġbu għat-talbiet taċ-ċittadini espressi fil-Konferenza[7] li kienu jinkludu t-tisħiħ tar-rwol tal-UE dwar il-migrazzjoni legali, l-ażil, l-indirizzar tal-migrazzjoni irregolari, il-ġlieda kontra t-traffikar tal-persuni u l-ġestjoni adegwata tal-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali, kif ukoll ir-riforma tas-sistema Ewropea komuni tal-ażil u l-applikazzjoni uniformi ta' regoli komuni fl-Istati Membri kollha dwar l-akkoljenza tal-migranti u biex jitjiebu l-politiki ta' integrazzjoni fl-Istati Membri kollha;

26. Jenfasizza madankollu li l-azzjoni fil-livell tal-UE għadha mhux kompluta minħabba, prinċipalment, l-iżbilanċ istituzzjonali bejn il-koleġiżlaturi; jirrakkomanda għalhekk li l-proċedura leġiżlattiva ordinarja tapplika għall-politiki kollha tal-Unjoni dwar il-kontrolli fil-fruntieri, l-ażil u l-immigrazzjoni, inkluż għall-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni ta' dawk il-politiki (l-Artikolu 70 tat-TFUE); jitlob li jiġu kondiviżi iktar kompetenzi bejn l-UE u l-Istati Membri biex jinkisbu l-objettivi stabbiliti fil-Kapitolu II tat-Titolu V tat-TFUE u b'rispett sħiħ lejn il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, inklużi l-miżuri ta' integrazzjoni, li bħalissa mhumiex koperti minkejja li l-integrazzjoni u l-inklużjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi hija fundamentali sabiex l-isforzi biex jiġu żviluppati regoli komuni rigward il-wasla u s-soġġorn tagħhom fl-UE jirnexxu u minkejja li hija parti ewlenija mill-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil;

Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u kooperazzjoni tal-pulizija

27. Jemmen li l-miżuri leġiżlattivi ta' natura orizzontali li jistitwixxu l-prinċipji li jistabbilixxu l-istandards minimi fid-dritt kriminali tal-UE jżidu l-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri, b'hekk iwasslu għal kooperazzjoni ġudizzjarja aktar effiċjenti, filwaqt li jiġi rispettat il-prinċipju tas-sussidjarjetà; jitlob l-introduzzjoni ta' kompetenza tal-Unjoni fl-Artikolu 82 tat-TFUE biex jiġu stabbiliti standards minimi għad-detenzjoni u l-kundizzjonijiet tal-kustodja qabel is-smigħ tal-kawża, u għall-istandards minimi dwar l-ammissibbiltà tal-provi, fir-rispett sħiħ tad-dritt għal proċess ġust fil-proċedimenti kriminali; jitlob li jiġu emendati t-Trattati sabiex tiġi kkodifikata l-ġurisprudenza tal-QĠUE rigward il-limitazzjoni, f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali, tar-rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet ġudizzjarji maħruġa minn Stat Membru fejn hemm nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati li jaffettwaw is-sistema ġudizzjarja ta' dak l-Istat Membru;

28. Jitlob involviment aktar b'saħħtu tal-Parlament fl-ambitu tal-proċedura leġiżlattiva speċjali tal-Artikolu 83(1) tat-TFUE, fir-rigward tal-identifikazzjoni ta' oqsma ġodda bi kriminalità partikolarment serja b'dimensjoni transfruntiera; jitlob li jiddaħħlu r-reati

[7] Rakkomandazzjonijiet Nri 41 sa 45, ara https://www.europarl.europa.eu/resources/library/media/20220509RES29121/20220509RES29121.pdf

ambjentali, ir-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru fil-lista ta' kriminalità serja b'dimensjoni transfruntiera "Euro-crimes".

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	6.2.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 35 –: 18 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Konstantinos Arvanitis, Katarina Barley, Theresa Bielowski, Karolin Braunsberger-Reinhold, Patrick Breyer, Annika Bruna, Lena Düpont, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Cornelia Ernst, Maria Grapini, Evin Incir, Sophia in ‘t Veld, Patryk Jaki, Fabienne Keller, Łukasz Kohut, Moritz Körner, Alice Kuhnke, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Lukas Mandl, Erik Marquardt, Javier Moreno Sánchez, Maite Pagazaurtundúa, Paulo Rangel, Diana Riba i Giner, Isabel Santos, Tineke Strik, Ramona Strugariu, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche, Elena Yoncheva, Javier Zarzalejos
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Susanna Ceccardi, Gwendoline Delbos-Corfield, José Gusmão, Dietmar Köster, Alessandra Mussolini, Matjaž Nemec, Janina Ochojska, Anne-Sophie Pelletier, Thijs Reuten, Axel Voss
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Aurélia Beigneux, Milan Brglez, Katalin Cseh, Marie Dauchy, Paolo De Castro, José Manuel Fernandes, Tomasz Frankowski, Vlad Gheorghe, Martin Hojsík, Max Orville, Mounir Satouri

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

35	+
S&D	Katarina Barley, Milan Brglez, Paolo De Castro, Maria Grapini, Evin Incir, Łukasz Kohut, Dietmar Köster, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Theresa Bielowski, Matjaž Nemec, Thijs Reuten, Isabel Santos, Elena Yoncheva
Renew	Katalin Cseh, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Vlad Gheorghe, Martin Hojsík, Sophia in 't Veld, Fabienne Keller, Moritz Körner, Max Orville, Maite Pagazaurtundúa, Ramona Strugariu
Verts/ALE	Patrick Breyer, Gwendoline Delbos-Corfield, Alice Kuhnke, Erik Marquardt, Diana Riba i Giner, Mounir Satouri, Tineke Strik
The Left	Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Anne-Sophie Pelletier, Miguel Urbán Crespo

18	-
PPE	Karolin Braunsberger-Reinhold, Lena Düpont, José Manuel Fernandes, Tomasz Frankowski, Jeroen Lenaers, Lukas Mandl, Alessandra Mussolini, Janina Ochojska, Paulo Rangel, Axel Voss, Javier Zarzalejos
ID	Aurélia Beigneux, Annika Bruna, Susanna Ceccardi, Marie Dauchy, Tom Vandendriessche
ECR	Patryk Jaki
NI	Milan Uhrík

0	0

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni